

V

(Avviżi)

## PROĊEDURI TAL-QORTI

## QORTI TAL-EFTA

## SENTENZA TAL-QORTI

tas-27 ta' Novembru 2017

fil-Kawża E-12/16

**Marine Harvest ASA appoġġata mill-Federazzjoni tal-Industriji Norveġjani (Norsk Industri)  
v l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA appoġġata mir-Renju tan-Norveġja**

(Azzjoni għal annullament ta' deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA — Ghajjnuna mill-Istat — Ħut  
u prodotti marittimi oħrajn — Ambitu materjali tal-Ftehim ŻEE — Protokoll 9 — Kompetenza ta' Sorveljanza)

(2018/C 119/10)

Fil-Kawża E-12/16, Marine Harvest ASA appoġġata mill-Federazzjoni ta' Industriji Norveġjani (Norsk Industri) v l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA appoġġata mir-Renju tan-Norveġja — RIKORS għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tas-27 ta' Lulju 2016 fil-Kawża tal-ASE Nru 79116, u għal dikjarazzjoni li l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha l-kompetenza u l-obbligu li titwettaq sorveljanza tal-ghajjnuna mill-Istat għas-settur tas-sajd, il-Qorti, magħmula minn Carl Baudenbacher, il-President, Per Christiansen (ir-Relatur tal-Imħallef), u Páll Hreinsson, Mħallfin, qatgħu sentenza fis-27 ta' Novembru 2017, li l-parti operattiva tagħha hija:

Il-Qorti b'dan:

1. Tiċħad ir-rikors bħala infondat.
2. Tordna lil Marine Harvest ASA biex iġġarrab l-ispejjeż tagħha u l-ispejjeż imġarrbin mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.
3. Tordna lill-intervjenenti biex iġarrbu l-ispejjeż tagħhom.